22 ta' Ottubru 2016
93/2016

## KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' MARSAXLOKK

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lill-Kan. Dun Luke Seguna bħala kappillan tal-Parroċċa tal-Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk.

Dun Luke Seguna twieled fit-13 ta' Awwissu 1983. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola tas-Sorijiet tal-Karità u fil-Kulleġġ De La Salle fejn irċieva wkoll l-edukazzjoni sekondarja. Kompla bl-edukazzjoni terzjarja fil-Fakultà tat-Teoloġija (Filosofija u Teoloġija) fl-Università ta' Malta, fejn studja wkoll it-Teoloġija Pastorali.

Dun Luke ġie ordnat saċerdot fit-3 ta' Lulju 2009. Beda l-ħidma pastorali tiegħu bħala djaknu fil-Parroċċa ta' Santa Katarina, iż-Żurrieq, u wara bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar. Fl-2012 beda jservi bħala viċi-kappillan fil-Parroċċa ta' San Pawl, ir-Rabat, kif ukoll bħala rettur taż-żona pastorali tan-Nigret.

Il-Parroċċa ta' Marsaxlokk tiġbor fiha madwar 4,200 persuna f'1,100 familja.